**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 50– IT-TNEJN, 4 TA' FRAR 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 49

1.1 Kien hemm zewg korrezzjonijiet. 4.2 għandu jiġi inkluż l-ammont ta' 22.50 ewro kif ukoll ix-xhur Ottubru, Novembru u Diċembru. Fi 3.7 għandha tiġi nklużha d-Dar tal-Ursolini.

**1.2** Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 76

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is- Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Ġie deċiż ukoll li jitħallsu l-pagamenti numru 25 u 26 li kienu twaqqfu fil-pagamenti preċedenti wara li ġie kkunsidrat l-ispjegazzjoni tal-fornatur.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Ġiet innutata talba minn Fr Franco Frendo biex issir Wirja għal Patri Leopoldu Tabone fil-Masġar imsemmi l-istess. Kien hemm qbil.

3.2 Ġiet innutata korrispondenza rigward laqgħat għall-għaqdiet u organizzazzjonijiet volontarji.

3.3 Ġiet innutata talba mill-Estate Butcher biex jagħmel 4 advertising bollards fil-madwar. Kien hemm qbil.

3.4 Ġiet innutata talba minn Aaron Camilleri li huwa fornatur tal gass area 14, biex issir *reserved parking* nhar ta' Sibt u festi biex ibiegħ il-gass minn Vjal ir-Riħan. Ġie deċiż li tintlaqa'.

3.5 Għandu jsir patching fil-wied kif ukoll slow markings u centre line fejn hu possibbli.

3.6 Ġiet ippreżentata stima ta' bankini. Ġie deċiż li jsiru dawn il-bankini. Għal Triq il-Ballut għandha ssir site visit qabel ma tittieħed id-deċiżjoni jekk issirx kollha jew parti.

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sur David Dalli ppropona li tiġi rranġata l-bankina fi Triq R Caruana Dingli kantuniera ma' Triq l-Istefanotis, Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq San Franġisk, u Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq Ġużè Colombo. Għandhom jitneħħew ġebel minn soft area fi Triq il-Kappella, u ssir ilment rigward żewġ arbli fi Triq San Franġisk.

4.2 Is-Sur Neville Mallia ġab għall-attenzjoni fi Triq il-Baltiku reġgħet ġiet ivvandalizata mera. Din diġà nbidlet kemm-il darba. Ġie deċiż li din id-darba ma tinbidilx. Hu ppropona li ssir talba lil Green Pak biex issir skip għall-ħġieġ fi Triq ir-Russett, u ssir coping fil-passaġġ li jinsab fi Triq Ġużè Azzopardi. Għandu jsir ilment lil Arriva minħabba li mhemmx servizz fi Triq tas-Sliema fid-direzzjoni lejn il-Belt.

4.3 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex tinbagħat ittra lill-residenti f'Misraħ Awrekarja minħabba li residenta qegħda tonxor barra, u l-ħwienet li qegħdin iħallu l-armarju barra. Ġie deċiż li jsir ix-xogħol ta' niċċa tal-Madonna u funtana f'Misraħ Awrekarja bi stima tal-kumpanija Twish b'valur ta' 1150 ewro. Hi fakkret li nhar il-Ħadd, 10 ta' Frar ser ikun hemm l-attività tal-karnival organizzata mill-kunsill.

4.4 Is-Sinjura Joan Farrugia ppproponiet li jittawwal id-double yellow line fi Triq il-Battaljun, tiġi rranġata r-rampa fi Triq l-Ewkaliptus u li hemm ħadida ppuntata perikoluża fi Gnien Karen Greck.

4.5 Is-Sinjura Violet Bajada ppproponiiet li jiġu miżbura s-siġar fi Triq l-Ambaxxati, titawwal is-central strip fi Triq Santa Margherita kantuniera ma' Triq il-Mensija. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-kunsill li t-tliet siġar taż-żebbuġ li jinsabu f'Misraħ Awrekarja huma spazjati tajbin. Hi lmentat li hemm bżonn li jsir it-tindif mal-cart ruts, u li kien hemm xi bins imkissrin.

4.6 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li tinbidel il-plakka tal-isem tat-triq fi Triq il-Kapuċċċini, talab ukoll li jsir tindif fi Triq il-Kapuċċini. Hu lmenta li t-tliet locality maps eżistenti huma f'areas ħżiena. Għandu jipproponi siti oħra aħjar. Ilmenta ukoll li huwa ddispjaċut li l-laqgħa bejnu, is-Sindku u s-Sinjura Marica Bayliss, rigward id-daycentre ma saritx.

**4.7** Is-Sinjura Rita Saliba ilmentat li għandu jsir refreshing taż-żebgħa taż-zebra crossing fi Triq in-Naxxar, hemm tappiera fi Triq Bella Vista li qegħda tagħmel ħafna storbju u qegħda tkun ta' inkonvenjenza għar-residenti, hemm bżonn li jsir knis aħar fi Triq l-Ispika, u hemm bżonn li tinżabar siġra f'Misraħ il-Ħawħa.

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Frar 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |